A.L. 41 ta' l-1981

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 13)

Regolamenti ta' l-1981 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dgħajjes tax-Xtajta għal Wied iż-Żurrieq (Tariffa tan-Nolijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 280 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekommunikazzjonijiet għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1981 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dgħajjes tax-Xtajta għal Wied iż-Żurrieq (Tariffa tan-Nolijiet) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1979 dwar id-Dgħajjes tax-Xtajta għal Wied iż-Żurrieq (Tariffa tan-Nolijiet), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 70 ta' l-1979

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu mill-ġurnata li tiġi minnufih wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol din li ġejja:

"SKEDA

Regolament 2

Numru ta' Persuni	Nol
1 — 2	£3.00,0
3 — 4	£4.00,0
5 — 6	£5.00,0
7 — 8	£6.00,0 "